MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2012

Avviz Numru. 416/2011

**Fl-atti tar-rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru Nru 3484/11**

**Joseph Cutajar KI 1066046M, Nazzareno Cutajar KI 855248M, Saviour sive Silvio Cutajar KI 13561M u Pawlu Cutajar KI 173561M**

**Vs**

**Adriana Camilleri KI 895054M**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih Anthony u Adrian Camilleri wara li ppremettew illi:

Permezz ta' rikors nru 3484/11 fl-ismijiet premessi r-rikorrenti, intimate f'din l-istanza, talbu l-hrug ta' mandat ta' Sekwestru kontra l-esponenti Adriana Camilleri ghall-

ammont komplessiv ta’ erbghatax-il elf sitt mija u tmienja u hamsin ewro u erba’ centezmi (€14,658.04) u dan sabiex jikkawtelaw l-allegat sehem spettanti lilhom mill-eredita’ ta’ ommhom Emanuela Cutajar.

Illi permezz ta’ 6 ta’ Dicembru 2011, din l-Onorabbli Qorti laqghet it-talba rikorrenti, u ghalhekk gie ordnat il-hrug ta’ mandat ta’ sekwestru fil-konfront tal-esponenti.

Illil-Bank of Valletta plc esegwixxa dan il-Mandat ta’ Sekwestru u filwaqt li ssekwestra dan l-ammont iddepozita s-somma hekk sekwestrata taht l-awtorita’ ta’ din il-Qorti.

Illi l-esponent Anthony Camilleri jissottometti bir-rispett illi:

1) il-flus sekwestrati huma flejjes formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti u ghandhom origini parafernali min-naha tieghu;
2) Illi huwa ma jidditjenix flejjes li ghandhom x’jaqsmu mal-eredita’ ta’ Emanuela Cutajar;
3) Illi per konsegwenza tal-hrug tal-imsemmi mandat, l-esponent gie soggettat ghal pregudizju, tbatija morali pressjoni, tensjoni u danni li huma ngenti.

Illi Adriana Camilleri tissottometti bir-rispett illi:

1. Illi Emanuela Cutajar hija omm il-partijiet, u ghadha hajja u mimlija bl-ghomor.
2. Illi ghalhekk, legalment, ir-rikorrenti ulied, intimati fil-prezenti proceduri, ma jistghux jesigu minghad l-esponenti s-sehem li bil-ligi ghadu ma ddevolviex lill-eredi tal-istess Emanuela Cutajar.
3. Illi in oltre, hija ma hi la depozitarja u lanqas b’xi mod tikkontrolla xi flejjes allegatament appartenenti lil Emanuela Cutajar jew addirittura wirt tad-defunt missier naturali.
4. Illi konsegwenza tal-hrug tal-isemmmi mandat l-esponenti giet soggettata ghal pregudizju, tbatija, morali, presjoni, tensjoni u danni li huma ngenti.
5. Illi ghalhekk it-talba ghall-hrug ta’ dan il-mandat ta’ Sekwestru kienet wahda abbuziva u ntiza biss biex

tirrendi l-hajja tal-esponenti u l-familja taghha difficli u barra minn hekk sabiex isir attentat ta' gbir ta' flejjes illi jafu li la jinsabu fil-kontroll tal-esponenti u wisq inqas ma huma legalment dovuti.

Talbu bir-rispett illi filwaqt li jgibu il-fuq espost a formali konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, jitolbuha bir-rispett sabiex, contrario imperio, tirrevoka l-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet aktar 'il fuq precitati u dan a bazi tal-artikolu 836 tal-kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili, u tapplika d-disposizzjonijiet tal-artikolu 836(8) tal-istess Kodici kontra Joseph, Nazzareno, Saviour sive Silvio u Pawlu ahwa Cutajar a favor l-esponenti u dan minhabba danni sofferti mill-esponenti in konsegwenza tal-agir irresponsabbli tar-rikorrenti, intimati fil-proceduri odjerni, u dan skont dawk il-provedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat il-mandat in esami esebit in fotokopja a fol 3 et seq ibid debitament kollazzjonat fis-6 ta' Dicembru 2011 wara l-ittra ufficjali, ppresentat fis-16 ta' Settembru 2011 numru 3367/11 taht l-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta (ara fol 4 u fol 15 u fol 19 ibid).

Rat ir-risposta tal-intimati (fol 10 et seq ibid) u li biha esponew bir-rispett:

Illi l-esponenti jopponu bil-qawwa kollha t-talbiet tar-rikorrenti partikolarment dik li tirrevoka l-Mandat ta' Sekwestru fl-ismijiet premessi ghar-ragunijiet segwenti;

1. Illi kuntrarjament ghal dak kollu allegat mir-rikorrenti, is-sehem li l-esponenti qed jippretendu huwa s-sehem taghhom mill-wirt min-naha ta' missierhom, il-mejjet Carmelo Cutajar, kif jidher fl-ittra ufficjali li ntbaghtet minnhom lir-rikorrenti Adriana Camilleri ghab-bazi tal-artikolu 166A.

Illi di fatti l-flus mitluba jikkonsistu fl-ammont ta' €2,911.72 bhala sehem kull wiehed minnhom mis-sehem ta' missierhom tal-bejgh tal-fond 101, Triq il-Karmnu, Luqa u l-ammont ta' €582.34 bhala sehem kull weiehd minnhom

mis-somma li kien ircieva l-istess missierhom meta rtira mix-xoghol.

2. Illi l-procedura skond l-artikolu 166A giet kollha segwita u l-Mandat ta' Sekwestru fl-ismijiet premessi nhareg wara li r-rikorrenti Adriana Camilleri giet debitament notifikata biha u naqset illi twiegeb ghat-talbiet tal-atturi biex b'hekk l-istess ittra ufficjali giet reza esegwibbli skond l-istess ligi.

3. Illi huwa interessanti li jinghad li r-rikorrenti Adriana Camilleri kellha taht idejha l-istess flejjes appartenenti lil huta u ddisponiet arbitrarjament u kif riedet hi, tant li hija tat sehemhom lit-tlett ahwa l-ohra u cioe' lil Salvina mizzewga Farrugia, lil Doris mizzewga Camilleri, u lil Phyllis mizzewga Vella.

4. Illi ma jistax jingieb l-argument li l-flejjes depozitati f'isem Adriana Camilleri huma tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnha u bejn zewgha. L-ammont ta' flejjes in kwistjoni huma parafernali u jappartjenu lill-genituri tar-rikorrenti u l-esponenti li huma ahwa, u ghalhekk l-istess rikorrenti missha hadet hsieb li tiddepozitathom f'kont separat ghalihom u mhux, kif issa qed tallega iddepozitathom ma flus zewgha.

L-istess argument tar-rikorrrenti jaghti lok illi bi skuza li bil-Mandat ta' Sekwestru fuq imsemmi nqabdu wkoll flus zewgha, hija tista' facilmet tahrab mill-obligazzjonijiet li ghandha versu hutha l-esponenti.

Tant l-esponenti ghandhom x'jissottomettu ghas-savju u superjuri gudizzju ta' din l-Onor Qorti.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 12, 17, 21, fol 26, kif ukoll id-dokumenti a fol 27 u 31 ibid oltre d-digriet moghti minn din il-Qorti, kif presjeduta fis-16 ta' Frar 2012 a fol 34 ibid.

Semghet lill-partijiet.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, f'dan l-istadju jkun opportun li wiehed jara dak kollu li gie verbalizzat f'dawn il-proceduri.

Ikkunsidrat

Illi a fol 12 tal-atti ssir referenza ghall-imsemmija ittra ufficjali, presentata taht l-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Dwar din "l-intimati jikkonferma(w) li ma saret ebda oggezzjoni izda r-rikorrenti jiddikjaraw li din saret".

Illi, filfatt, jidher car kif risultanti mid-dokument a fol 20 tal-atti illi in-nota, bhala oggezzjoni kienet presentata mir-rikorrenti.

Cjononostante, l-mandat in esami ghal xi raguni li mhux cara, kien gie kollazzjonat u l-ittra ufficjali giet dikjarata bhala titolu esekuttiv skond l-istess artikolu 166A u konsegwentement il-mandat in esami sar esekuttiv u gie esegwit bhala tali.

Ikkunsidrat

Illi bhala konsegwenza ta' dan l-isball li rrisulta b'mod car f'dawn il-proceduri, l-intimati ddikjaraw li "ser jirtira l-mandat ta' sekwestru in kwistjoni". Hawnhekk, pero, ir-rikorrenti insistew "…. Ghal(l)-penali u danni mitlubin fir-rikors". In rigward dan, l-istess intimati accettaw, biss, li jhallsu l-ispejjes tar-rikors in esami (ara fol 17 ibid). Filfatt, l-imsemmi kontromandat gie dekretat fis-16 ta' Frar 2012 (ara fol 31 sa fol 33 ibid) u ghalhekk il-mandat in esami ma baqax 'in vigore' hlief li l-intimati f'dan il-kaz jidher li ppresentaw kawza fuq il-meritu (ara fol 26 u fol 35 ibid) oltre mandat iehor izda kawtelatorju (fol 26 ibid).

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk, din il-Qorti trid tiddeciedi, biss, jekk l-intimati ghandhomx jigu kundannati a bazi tal-artikolu 836(8) tal-istess Kodici u dan "minhabba danni sofferti mill-esponenti (il-konjugi Camilleri) in konsegwenza tal-agir irresponsabbli tar-rikorrenti, intimati fil-proceduri odjerni.

Hawnhekk, jrid jigi pruvat illi l-intimati odjerni, meta talbu u ottjenew il-hrug tal-mandat, ezekuttiv in esami, agixxew b'mod vessatorju jew b'malizja. Waqt li jigi rilevat illi l-istess mandat inhareg, biss fil-konfront tar-rikorrenti Adriana Camilleri u l-meritu jittratta dwar l-assi ereditorja ta' missier il-partijiet Carmelo Cutajar u mhux ta' ommhom Emanuela Cutajar, l-istess Qorti tara li l-mandat in esami ma inharigx sabiex l-intimati jivversaw lill-istess rikorrenti jew sabiex jagixxu b'mod malizzjuz fil-konfront taghha. Filfatt jidher li l-istess mandat inhareg, bhala wiehed ezekuttiv minhabba zball da parti ta' terzi; ghall-liema zball, certament, ma jistghux jbatu l-istess intimati.

Ghalhekk it-talba in esami ma tistax tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti:-

a) Tastjeni milli tiehu konjizzojni ulterjuri tat-talba ghar-revoka ta' dan il-mandat esekutiv numru 3484/11.
b) Tichad it-talba ghall-applikazzjoni tal-artikou 836(8) imsemmi.

In rigward l-ispejjes kollha inkluzi dawk tal-kontro mandat numru 472/12 il-Qorti tordna li dawn kollha jithallsu mill-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------